



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-17 ta' Mejju 2018

L-awdituri jidentifikaw l-isfidi li jeżistu għall-integrazzjoni tal-migranti fl-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat għadd ta' sfidi għall-integrazzjoni ta' migranti li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE fis-soċjetà, u dawn jirrikjedu li tittieħed azzjoni ulterjuri min-naħa tal-UE. L-isfidi huma ppreżentati f'Dokument Informattiv u Analitiku ġdid dwar l-azzjoni meħuda mill-UE għall-appoġġ tal-integrazzjoni ta' dawk li jkunu jgħixu legalment fl-UE iżda li ma jkunux ċittadini tagħha, bħal persuni li jemigraw għall-iskopijiet ta' impjieg, riunifikazzjoni tal-familja jew riċerka, persuni li jfittxu l-asil u refuġjati. Id-dokument informattiv u analitiku ma jkoprix persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni fl-UE.

"L-impatt fit-tul tal-fluss reċenti ta' migranti lejn l-UE se jkun jiddependi fuq kemm dawn jintegraw tajjeb fis-soċjetà Ewropea. Aħna identifikajna seba' sfidi li jeżistu għall-integrazzjoni tagħhom u li jeħtieġ jiġu indirizzati mill-Istati Membri u mill-UE," qalet **Iliana Ivanova, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-Dokument Informattiv u Analitiku.**

Filwaqt li l-integrazzjoni tal-migranti hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, l-UE għandha rwol importanti fl-għoti ta' appoġġ u ta' inċentivi. Minbarra li tippromwovi l-iskambju ta' Prattika tajba, l-UE tipprovdni finanzjament u tgħin fl-iżvilupp ta' politiki dwar il-migrazzjoni u kontra d-diskriminazzjoni.

L-isfidi prinċipali għall-integrazzjoni li ġew identifikati mill-awdituri huma:

Dewmien – Aktar ma l-integrazzjoni tibda minn kmieni, aktar ma jkun probabbli li tirnexxi. Iżda r-regoli li jiġu applikati għall-migranti mhumiex l-istess fl-Istati Membri kollha, fattur li jwassal biex il-migranti jispostaw minn pajjiż għall-ieħor, u li jirriżulta biex il-proċess ta' integrazzjoni jdum ma jibda. Barra minn hekk, huwa fatt li xi kultant l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet jieħu fit-tul.

Diskriminazzjoni – Minkejja li teżisti leġiżlazzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, l-immigrazzjoni minn persuni li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

tkompli tqajjem sentimenti negattivi f'ħafna Ewropej. F'xi Stati Membri, dan għandu impatt negattiv fuq l-integrazzjoni tal-migranti.

Finanzjament – Hemm bosta fondi tal-UE li jistgħu jiffinanzjaw il-miżuri ta' integrazzjoni, iżda l-ammont totali li jkun qed jintnefaq ma jkunx magħruf. Mill-2015 'il hawn, l-UE mmobilizzat finanzjament addizzjonali ta' aktar minn EUR 5 biljun biex tindirizza ż-żieda fil-flussi tal-migrazzjoni, li minnhom aktar minn EUR 100 miljun ġew allokati għall-integrazzjoni. Fl-2017, l-Istati Membri ddikjaraw li sabiex jintegraw il-migranti, kienu jeħtieġu riżorsi addizzjonali ta' madwar EUR 450 miljun mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. L-awdituri jgħidu li jenħtieġ li l-politiki ta' integrazzjoni jkunu bbażati fuq valutazzjoni tajba tal-ħtiġijiet u jiġu ffinanzjati b'mod adegwat.

Nuqqas ta' impenn – Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat pjan ta' azzjoni bi 52 miżura fil-livell tal-UE. Sa Diċembru 2017, 23 azzjoni kienu għadhom ma ġewx ikkompletati. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma wkoll imħeġġa jżviluppaw miżuri speċifiċi biex jindirizzaw ċerti oqsma, iżda l-Kummissjoni ma timmonitorjax dawn il-miżuri. L-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni tiddependi fuq l-impenn tal-Istati Membri.

Politiki inkompleti – Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom politiki ta' integrazzjoni stabbiliti fi ħdan oqfsa ta' politika differenti. Iżda dawn ma jindirizzawx b'mod sistematiku l-gruppi kollha ta' migranti u mhux dejjem jindirizzaw l-oqsma kollha ta' integrazzjoni. Jenħtieġ li l-politiki ta' integrazzjoni jipprovdu qafas komprensiv biex il-migranti kollha jingħataw appoġġ fl-oqsma kollha ta' politika li jkunu rilevanti.

Nuqqas ta' monitoraġġ – Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma għandhomx stampa ġenerali kompleta tal-għadd ta' migranti li jingħataw appoġġ jew tal-ammont li jintnefaq fuq il-miżuri ta' integrazzjoni. Fil-livell nazzjonali, hemm diversi dgħufijiet fil-monitoraġġ. Attwalment, il-Kummissjoni qed tipproponi l-ħolqien ta' indikaturi ddedikati, li jistgħu jiffaċilitaw l-iżvilupp tat-tfassil ta' politiki bbażat fuq l-evidenza.

Kumplessità –Fondi differenti tal-UE jistgħu jiffinanzjaw l-istess tip ta' azzjoni għall-istess grupp fil-mira. Hemm aktar minn 400 entità differenti involuti fil-ġestjoni ta' miżuri għall-integrazzjoni tal-migranti fl-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għandhom korp ta' koordinazzjoni, iżda jeżistu dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti.

Sabiex jingħelbu dawn l-isfidi, jeħtieġ li jsiru sforzi effettivi u kkoordinati min-naħa ta' dawk kollha involuti, kemm fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali.

Noti lill-Edituri

Hemm aktar minn 21 miljun persuna li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-UE mingħajr ma għandhom ċittadinanza tagħha. Madwar 4 % tal-popolazzjoni tal-UE huma migranti li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE. Kull sena, xi wħud minnhom isiru ċittadini tal-UE. Fil-perjodu mill-2013 sal-2016, madwar 3.2 miljun migrant li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE akkwistaw iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE. B'kont meħud tal-migranti tat-tieni ġenerazzjoni, madwar 18 % tal-popolazzjoni li tirrisjedi fl-UE ġejja minn kument ta' migrazzjoni.

Id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA intitolat "L-integrazzjoni ta' migranti li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bl-Ingliż.

Stqarrija minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA, hija disponibbli fuq il-kanal YouTube tal-QEA ([EUauditors](#)) bħala vidjo ta' kwalità għax-xandir.